# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 225 :: FRAR, 2015**



***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Frar, 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## *PIERS FESTIVAL 2015*



Nhar il-Ħadd, 25 ta' Jannar, il-*Multicultural Arts Victoria* organizzat ir-raba' *Piers Festival 2015* bejn nofsinhar u d-9.30 pm. Dan inżamm fuq *Princes Pier, Port Melbourne.* Numru sabiħ ta' nies attendew għal dan il-festival. Jidher li forsi ma tantx kien hemm pubbliċita` kbira, speċjalment fost il-komunità Maltija. Dan kien jidher għax meta attendejna għal dan il-festival ftit li xejn iltqajna ma' Maltin, filwaqt li persuni mill-koumunitajiet Taljani, Griegi, Torok u oħrajn kienu numerużi. Fl-istess ħin dawn il-komunitajiet li semmejna ipprovdew ukoll divertiment ta' mużika, kant u żfin bħala parti mill-kultura tagħhom. Għal darb'oħra l-Maltin kienu neqsin. Kien hemm esebizzjoni ta' stejjer ta' ħafna emigranti minn pajjiżi differenti li kollha ppreżentaw l-istorja tagħhom ta' kif ħallew pajjiżhom u ġew biex jibdew ħajja ġdida fl-Awstralja. Hawn almenu kellna parteċipazzjoni Maltija bis-saħħa tas-Sinjura Rosemary Attard, is-Segretarja tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Rosemary, tfajla ta' 18-il sena, flimkien mal-familja tagħha, ħalliet Malta fuq l-"Arosa Kulm" li ħalla Malta fit-8 ta' April, 1956 b'511 Maltin fuqu, ħafna minnhom nisa u tfal. Rosemary esebixxiet kwadru kbir b'ħafna informazzjoni interessanti dwar il-vjaġġ tagħha lejn l-Awstralja. Wara ħafna problemi minħabba li meta l-"Arosa Kulm" wasal Freemantle fit-8 ta' Mejju, fuq il-vapur instab li d-dgħajjes tas-salvataġġ kienu f'kundizzjoni ħażina, il-passiġġieri kellhom jistennew xi ħamest ijiem biex jissewwew qabel komplew il-vjaġġ tagħhom lejn Melbourne fejn waslu fis-16 ta' Mejju. Grazzi lil Rosemary għall-inizjattiva tagħha li ppreżentat l-istorja għal dan il-festival.

## ID-DJALETT – *taħdita mill-Prof. Albert Borg*

Hawn min jaħseb li d-djaletti Maltin jinvolvu sempliċement il-pronunzja differenti ta' dak li jissejjaħ "il-Malti Standard" (jew "il-pulit"). Fil-fatt l-istudju juri li mhux hekk, għax minn djalett għal ieħor insibu differenzi mhux biss ta' pronunzja imma anki ta' grammatika u ta' lessiku. Ngħidu aħna, niltaqgħu ma' dawn id-differenzi fil-forma tal-kelma (differenzi *morfoloġiċi*):

| **Singular** | **Plural (Malti Standard)** | **Plural (Djalettali)** |
|---|---|---|
| *torta* | *torti* | *torot* (in-Nadur) |
| *karozza* | *karozzi* | *kroroz* (komuni Għawdex) |
| *kutra* | *kutri* | *kwieter* (Birkirkara) |
| *farm* | *farms* | *friem* (il-Magħtab) |

jew ma' dawn id-differenzi fil-lessiku li għandhom x'jaqsmu mal-ismijiet tal-friefet:
l-isem xjentifiku ta' wieħed mill-friefet endemiċi tagħna huwa Papilio Machaon, bl-Ingliż 'Swallow Tail'. Ħal Safi, l-Imqabba u l-Qrendi l-iżjed żewġ ismijiet popolari kienu *kavallier* u *tal-lira* (meta sar l-istudju). Il-Gudja, Ħad-Dingli u ż-Żurrieq l-isem l-iżjed komuni kien *ir-re*. Imma f'dawn l-inħawi kollha kien hemm ismijiet oħra inqas komuni, fosthom: *tal-bużbież, gallina, tar-reġina, tal-fjuri, tal-fejġel, taż-żebbuġ, tal-għalqa, gardell, l-ikkulurit u tal-kabocċi.*
Fit-taħdita esplorajna aktar dan il-qasam u nsemmu differenzi oħra bejn id-djaletti Maltin.
It-taħdit saret il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2015. fid-Dar l-Ewropa, 254, Triq San Pawl, il-Belt

## IL-MEWT TA' "DIESEL"


**"Diesel"**

Naħseb li l-membri tagħna li ta' kull sena jingħaqdu magħna meta mmorru għand Frank u Draga Bonett għall-BBQ, jiftakru 'l-kelb tagħhom, l-*Alsatian* "Diesel". Xi ħmistax ilu kont qed nitkellem ma' ħu Frank, Tony, u qalli li "Diesel" ħalliena wara marda qasira. Frank u Draga għamlu minn kollox biex il-kelb ifieq, imma kien kollu għal xejn. Aħna nafu li Frank u Draga ħassew it-telfa tiegħu għax kif qalli Frank, kull fejn kien idur dejjem kien isibu ħdejh. Mill-banda l-oħra, aħna nuru d-dispjaċir tagħna ma' Frank u Draga għal din it-telfa.

# SAWL




Il-Kumpanija *Talenti*, ippreżentat it-tieni produzzjoni tagħha għal dan l-istaġun. L-għażla din id-darba waqgħet fuq SAWL, monologu dwar il-ħajja mqallba li għex San Pawl. Dan il-monologu ġie interpretat minn Mario Micallef, fejn uriena l-ħajja vera li għex l-appostlu tal-ġnus. Dan il-monologu ddettaljat, għandu kitba oriġinali ta' Alfred Palma, u b'direzzjoni ta' Żepp Camilleri.

Minn Sawlu għal Pawlu; mill-paganeżmu għall-Kristjaneżmu; minn raġel qalil u stinat li ried jissielet kontra u jkisser it-tagħlim ta' Kristu akkost ta' kollox, għal Appostlu ewlieni tal-istess Kristu, Appostlu li sebaq lill-istess Appostli li darba kienu madwar Kristu, Appostlu determinat li jwassal u jeżalta l-istess tagħlim tiegħu, li darba ried jeqred; u saħansitra jfassal verament dan it-tagħlim kif xtaq iwasslu Kristu nnifsu. U kif (għad li mhux minn dejjem) il-Knisja Kattolika ħaddnet u mxiet fuqu kull meta riedet verament twassal il-messaġġ veru ta' Kristu.

X'taf, fuq Sawlu/Pawlu, għajr dak li jaf dwaru fuq fuq kważi kull Malti u Għawdxi? X'taf dwar il-karattru tiegħu, is-sens ta' ribelljoni li kienet taħkmu għal kull kontroversja? Taf dwar mnejn nibtet il-ħeġġa qalila tiegħu li jissielet kontra Kristu u t-tagħlim ġdid tiegħu? U għaliex Sawlu (Pawlu) wara l-konverżjoni drammatika tiegħu lejn il-Kristjaneżmu li tant kien jobgħod u ssielet kontrih, sar sewwasew l-Appostlu li mhux biss xerred tagħlim Kristu, iżda attwalment irfinah bil-bosta minn kif oriġinarjament kienu bdew ixerrduh Pietru u l-Appostli l-oħra li, ċerti drabi, peress li bosta minnhom kienu bla tagħlim, ma fehmux sew it-tagħlim tal-Imgħallem u b'hekk ħolqu ċerti kontroversji li forsi għadhom ikiddu lill-Knisja Kattolika sal-lum? X'kien id-diżgwit li kellu Pawlu ma' xi wħud mid-dixxipli, speċjalment ma' Xmun Pietru?

Dawk li riedu tweġiba għal dan kollu, jew riedu jiskopru affarijiet li ma kienux jafu fuq San Pawl, saru jafu b'dan kollu meta marru jaraw il-monologu kontroversjali SAWL (*Pawlu ta' Tarsu*), li ġie ppreżentat fl-24, 25 u 31 ta' Jannar, u fl-1 ta' Frar 2015, fil-Kavallier ta' San Ġakbu, Valletta.

# KONFERENZA MIKIEL ANTON VASSALLI



L-Akkademja tal-Malti organizzat it-tieni sessjoni tal-konferenza fuq Vassalli fis-7 ta' Jannar 2015 f'Dar l-Ewropa, il-Belt. Quddiem sala mimlija nies, xhieda tal-interess kbir li jiġbed dan il-patrijott u letterat li għex ħajja mqallba taħt il-Kavallieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi, riċerkaturi stabbiliti u oħrajn żgħażagħ xandru r-riċerka friska tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-interventi kienu marbuta mal-qagħda ta' Vassalli f'Korsika matul l-eżilju politiku.

Dr Stefano Zammit fetaħ Lejlet Vassalli 250 bil-qari ta' siltiet tradotti mill-istudju *Rifuġjati Politiċi Maltin f'Korsika* ta' Ersilio Michel. Imbagħad tkellmu l-Prof. Richard Spiteri, Liam Gauci u Dr Charles Xuereb fuq ir-refuġju politiku ta' Vassalli u l-ambjent soċjali tal-kolonja Maltija li ħarbet minn Malta wara l-kapitulazzjoni tal-Franċiżi.

F'nofs il-konferenza tnieda l-ktieb importanti tal-Prof. Horatio C. R. Vella, *Il-Prefazju Storiku tal-Milsen Feniċju-Puniku* (Klabb Kotba Maltin). Il-kontenut tad-daħla tal-grammatika tal-1791 huwa differenti minn tad-dizzjunarju, il-*Lexicon*, l-aktar xogħol magħruf ta' Vassalli. Dan il-ktieb ġdid għandu l-mertu li se jġib quddiem il-qarrejja li ma jafux il-Latin test importanti ieħor Vassalljan.

Imbagħad kien imiss lil Dr Albert Ganado li xandar dokument minn Avignon li juri li Vassalli kien mar Franza wara li ħarab mir-Rikażli fi żmien il-Kavallieri. Il-konferenza għalaqha Dr Robert Thake, li sab konferma ċara li l-ktieb kontroversjali *Recherches historiques et politiques sur Malte* kien miktub minn Onorato Bres u mhux minn Vassalli.

Il-konferenza mexxietha Rita Saliba, fetaħha Olvin Vella u għalaqha Victor Fenech.

L-ewwel sessjoni kienet saret fit-3 ta' Diċembru 2014 u kellha attendenza kbira wkoll.


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# *BONDS IN THE MIRROR OF TIME*




(ISBN: 9789995748043)

'Bonds in the Mirror of Time' (Faraxa Publishing) huwa traduzzjoni għall-Ingliż minn Antoinette Pace tar-rumanz ta' Rena Balzan 'Ilkoll ta' Nisel Wieħed'. Dan ir-rumanz huwa rakkont ta' ġrajja fejn l-imħabba u l-egoiżmu jidħlu f'taqtigħa kontinwa biex jiddominaw il-ħajja tal-protagonisti milquta minnhom. X'kienet ir-raġuni li Nada ġiet imwarrba minn ommha, Erica, meta t-tnejn kienu tant jeħtieġu l-preżenza ta' xulxin? U min kienet tassew, Maris? X'riedha Claud, meta fir-realtà kien iħobb lil Nada? Il-pittur, ir-raġel ta' ftit kliem, baqa' jibża' jwettaq lilu nnifsu bħala artist. Għaliex? X'ġagħlu jtemm ir-relazzjoni tiegħu ma' Erica, il-mara li, akkost ta' kollox, xtaqet tgħinu jikseb l-għarfien tiegħu?

Fir-rumanz 'Bonds in the Mirror of Time', ir-rabta li teżisti bejn il-protagonisti mhux bilfors tinħall bil-mewt. Anzi l-barrieri psikoloġiċi li l-mewt iġġib magħha, joħolqu sfida biex jiġu megħluba fil-wisa' taż-żmien.

# ŻEWĠ PROGRAMMI INTERESSANTI

Il-ħabib tagħna Joe Julian Farrugia qalli li jaħseb li jkun tajjeb li ngħarrfu lill-qarrejja dwar żewġ programmi tar-radju li żgur jinteressaw lill-Maltin li jgħixu barra.

**"GĦAMLU ISEM"** (bijografiji ta' Maltin u Għawdxin magħrufa) – Radju Malta (tvm.com.mt) is-Sibt fit-08.30 ħin ta' Malta.

**"ANIŻETT"** (mużika minn Malta u aktar) – Radju Malta (tvm.com.mt) il-Ħadd fit-20.05 ħin ta' Malta.

Julian kompla: "Jistgħu ukoll jidħlu fuq il-paġni ta' Facebook "Għamlu Isem" u "Anizett" u jħallu l-kummenti tagħhom. Il-kuntatt tal-emigranti magħna li ngħixu Malta hu importanti għalina daqs kemm hu għalikom".

# IKUN LI TRID INT

Simone Cremona għamlet kuntatt miegħi għax xtaqet li tintroduċi "Musicworx", organizzazzjoni komunitarja li għadha kemm waqqfet.

Simone qaltli li bħalissa qed taħdem fuq produzzjoni mużikali li se tintwera f'Marzu ta' din is-sena. Din il-produzzjoni hija il-produzzjoni mużikali reliġjuża "Ikun li Trid Int", li hija bbażżata fuq l-14 stazzjoni tal-Via Sagra. Din il-produzzjoni hi magħrufa ħafna f'Malta u tintwera ħafna fi żmien ir-Randan.

L-għan ta' "Musicworx" hu li tlaqqa' ħafna nies flimkien biex jiżviluppaw u jaqsmu flimkien il-kreatività, il-passjoni u t-talent mużikali tagħhom. Huma qed jippruvaw li jiġbru fondi għall-orfanatrofju u skola fil-Perù immexxija minn patrijiet Maltin.

Għal aktar tagħrif tistgħu tidħlu fis-sit www.musicworx.org jew permezz tal-"facebook" www.facebook.com/musicworxaustralia . Tistgħu ukoll iċċemplu lil Simone Cremona dirett għal aktar tagħrif dwar id-dati tal-produzzjoni, il-post fejn se ssir u dwar xiri ta' biljetti: 0438 549 362.

# PITTURA

X'ħin nifrex filgħodu ma' l-għodwa tal-jum
u nimraħ b'għajnejja
'il fuq lejn is-sema
it-temp x'sejjer jisbaħ u x'sa jtina llum,
u nara quddiemi pittura sabiħa
li ħejja l-Ħallieq kuljum mibdula.
Ġo ġmiel is-smewwiet
b'kuluri mifruxa ġo medda
bħalma tara fil-wied.
Jekk jisbaħ bil-ħmura
x'ħin fietla tfiġġ ix-xemx
ġmiel ta'dija turina
sħab abjad, sħab iswed,
sħab griż jew bħal vjola, oranġo
jew lewn il-fidda,
'il fuq dejjem jogħla
u tibqa tpinġija minn jum wara jum,
għax ħsieb in-natura ġo ħsiebek ikun.
Xita, ragħad u beraq
anke xi qawsalla,
biex dak il-ġmiel int tara
tkun trid biss toħroġ barra,
u x'ħin joqrob il-għabex għal ma' tmiem il-jum,
siluwett tħallilna
tal-irzietet, l-għoljiet u l-irdum.
Il-ħmura fis-smewwiet
bil-qajla tintefa,
sakemm nieżla, nieżla għal kollox tinħeba
u titlaq sa l-għada
kif dejjem tkun trid
ma' l-univers għaddejja fi żmien infinit.
Ix-xbieha ta' kburitek tħallijhielna fl-ambjent
jekk jagħraf il-bniedem
li jrid jgħix kuntent, japprezza ta' madwaru
le jfittex ilment.
U l-aħħar kwadru li tpinġi
hija d-dalma tal-lejl
għax b'dawk il-kwiekeb ileqqu
tagħmel kollox bil-kejl
sa ma jitla' l-qamar
jibda jifrex id-dija u f'dik il-ħemda u s-sikta
tara kwiekeb bil-mija;
u b'dak it-tlellix bħal-fidda tibda tidher kburitek
għax fil-glorja tas-sema min ifittxek isibek -
għalhekk inħares u nqimek
ma' kull taħlit ta' kulur
li tħallilna fis-sema,
O Kbir ta' ġieħ għoli,
li m'hawnx bħalhek pittur.

***Michael Xuereb*** ***Melbourne, 26 Lulju 2012***

**Nirringrazzja lill-membru tagħna Rose Lofaro li tgħin fil-qari tal-provi għalkemm jekk taħrab xi kelma nidħol responsabbli għaliha jien. Grazzi wkoll lil Joe Borg u Patrick Sammut u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta. Grazzi u napprezza.**